Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 56**

**Data:** It-Tlieta, 21 ta' Lulju 2026
**Ħin:** 17:30
**Post:** Binja Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, Binja tal-Gvern Lokali, il-Marsa

**Preżenti:**
Is-Sur Mario Fava – President
Kav. Paul Farrugia – Viċi President
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
H.E Clifford Galea Vella – Membru
Is-Sur Charles Bonello – Membru
Is-Sur Stephen Sultana – Membru
Is-Sur Anthony Chircop – Membru
Is-Sur Max Zammit – Membru
Is-Sur Sandro Azzopardi – Membru

**Skużati**
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President
Is-Sur Steven Axisa – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

**A:** Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

**T:** 00356 2596 8000
**E:** lca@lca.org.mt
**www.lca.org.mt**

### 56.1 Ittri ta' apoloġiji

56.1.1 Il-President semma li Dr. Samuel Azzopardi u s-Sur Steven Axisa talbu li jkunu skużati.

56.1.2 Fuq proposta tal-President issekondata minn Kav. Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva unanimament li jitniżżlu skużati.

### 56.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 55

56.2.1 Il-President preżenta l-minuti hekk kif kienu mibgħutha lill-Eżekuttiv mis-Segretarju Eżekuttiv. Il-President irrimarka li jidher li hemm żball tal-minuta 55.6.8.

| | |
|---|---|
| ***55.4.8 Renta*** | *Il-President ippreżenta komunikazzjoni uffiċjali li waslet mingħand id-Direttorat għall-Gvern Lokali, li permezz tagħha ġie infurmat li l-kera mħallsa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali għall-parti mill-uffiċini li tokkupa ser tiġi riveduta u miżjuda. Huwa spjega li din iż-żieda ser ikollha impatt fuq l-ispejjeż amministrattivi tal-Assoċjazzjoni u li l-Kumitat Eżekuttiv ġie mgħarraf b'din il-komunikazzjoni sabiex jieħu nota tal-implikazzjonijiet finanzjarji tagħha.*<br><br>***Wara diskussjoni qasira, il-membri qablu unanimament maż-żieda proposta fil-kera kif komunikata mid-Direttorat għall-Gvern Lokali.*** |

Din il-minuta għandha tinqara kif ġej:

***Il-President ippreżenta l-komunikazzjoni uffiċjali li waslet mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali wara li l-Assoċjazzjoni kienet informat lid-Diviżjoni li l-ħlas tal-kera għall-użu ta' parti mill-ispazju fis-sular t'isfel tal-binja tal-AKL kien ser jiżdied. Id-Diviżjoni talbet li din iż-żieda tingħata l-approvazzjoni formali tal-Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni.***

***Il-President, flimkien mal-membri tal-Eżekuttiv, iddiskuta din il-materja. Kif kien diġa ikkomunikat qabel ġie spjegat li l-kera li l-Assoċjazzjoni nnifisha tħallas għall-binja kienet żdiedet sabiex tirrifletti ż-żieda akkumulata matul is-snin li fihom il-binja ilha mikrija mill-AKL.***

***Ġie osservat li din iż-żieda fil-kera qed ikollha impatt finanzjarju dirett fuq l-Assoċjazzjoni u, għaldaqstant, kien ikkunsidrat ġust u raġonevoli li l-kera mħallsa***

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

***mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali għall-ispazju li tuża fil-binja tiġi aġġustata wkoll sabiex tirrifletti ż-żieda fl-ispejjeż li qed iġġarrab l-AKL.***

***Wara d-diskussjoni, l-Eżekuttiv qabel formalment li l-kera għall-ispazju użat mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali għandha tiżdied kif propost.***

56.2.2 Fuq proposta tal-President issekondata mill-Kav. Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva l-minuti hekk kif ġew preżentati.

### 56.3 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 55

56.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata minn Chev. Paul Farrugia u is-Sur Sandro Azzopardi ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu bejn it-12 ta' Ġunju 2026 u l-21 ta' Lulju 2026 li kienet tammonta għal €215,493.33.

### 56.4 Preżentazzjoni u Approvazzjoni Rapport Finanzjarju għat-Tieni Kwart tas-Sena 2026

56.4.1 Il-President flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv taw spjega tar-rapport finanzjarju preżenta. Fuq proposta tal-President issekondata minn H.E Clifford Galea Vella r-Rapport għall-perjodu imsemmi ġie approvat.

### 56.5 Komunikazzjoni mill-President

56.5.1 Il-President informa li kienet saret laqgħa bejn l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u l-Malta Digital Innovation Authority (MDIA) sabiex tiġi diskussa kampanja ta' promozzjoni marbuta mal-proġett AI4ALL, immexxi mill-MDIA.

Permezz ta' din l-inizjattiva, ir-residenti li jkunu jixtiequ jsegwu l-kors AI4ALL ikunu jistgħu jingħataw assistenza fil-komunità, fejn il-Kunsilli Lokali jipprovdu tutor biex jiggwidahom u jassistihom matul il-kors.

Ġie spjegat ukoll li kull persuna li tlesti l-kors b'suċċess ser tibbenefika minn sena membership mingħajr ħlas għal servizz tal-AI. L-AKL u l-MDIA ser ikomplu jaħdmu flimkien sabiex jitfasslu l-arranġamenti meħtieġa u l-inizjattiva tiġi mwassla fost il-Kunsilli Lokali u r-residenti.

56.5.2 Il-President informa li komplew il-laqgħat mal-Kunsilli Reġjonali fir-rigward tat-tħejjija u l-kitba ta' tender ġdid għall-ġbir tal-iskart fuq bażi reġjonali. Matul dawn il-laqgħat qed jiġu diskussi l-esperjenzi miksuba mill-kuntratt preżenti, l-isfidi li ġew

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

identifikati, kif ukoll it-titjib meħtieġ sabiex it-tender il-ġdid ikun aktar effiċjenti u jirrifletti aħjar il-ħtiġijiet tal-Kunsilli Lokali u tar-residenti.

56.5.3 Il-President informa li l-AKL xtrat il-liċenzja tas-sistema Shireburn Indigo, kemm għall-ġestjoni tal-payroll kif ukoll għall-Hiring Module. Dan tal-aħħar ser jintuża sabiex il-proċess ta' reklutaġġ u l-ġestjoni tal-applikazzjonijiet għal postijiet vakanti fi ħdan l-Assoċjazzjoni jkunu jistgħu jitmexxew b'mod aktar organizzat u effiċjenti.

56.5.4 Il-President kompla jispjega li hemm ċertu livell ta' responsabbiltà u inizjattiva li huwa mistenni minn ħaddiema li jinsabu fi Skala 9, partikolarment fid-dawl tar-responsabbiltajiet marbuta ma' din l-iskala. Huwa semma wkoll li għal xogħol addizzjonali, inkluż fejn ikun meħtieġ l-attendenza għal konferenzi jew attivitajiet lil hinn mill-ħin normali tax-xogħol, il-ħaddiema jitħallsu overtime kif stipulat fil-Ftehim Kollettiv.

Minkejja dan, ġie osservat li għadd ta' materji amministrattivi u deċiżjonijiet relatati mal-operat ta' kuljum għadhom jiġu riferuti lis-Segretarju Eżekuttiv, anke f'każijiet fejn dawn jistgħu u għandhom jiġu indirizzati mill-uffiċjali responsabbli. Il-President sostna li jeħtieġ li jkun hemm aktar inizjattiva, ownership u responsabbiltà, skont il-grad u l-funzjoni tal-impjegat.

Il-President osserva wkoll li ma għandux ikun hemm sitwazzjoni fejn impjegat, wara li jkun avvanza għal skala ogħla, jibqa' jillimita ruħu prinċipalment għall-istess livell ta' xogħol li kien iwettaq fi skali aktar baxxi. Avvanz fl-iskala għandu jkun akkumpanjat minn żieda fil-livell ta' responsabbiltà, teħid ta' deċiżjonijiet u involviment f'materji oħra tal-Assoċjazzjoni lil hinn mir-rutina amministrattiva ta' kuljum.

F'dan il-kuntest ġie mfakkar ukoll li, skont l-istrutturi u r-regolamenti applikabbli, għandu jkun hemm uffiċjal li jkun jista' jassumi l-funzjoni ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv u, fejn meħtieġ, jassumi responsabbiltajiet ta' livell ogħla. Għaldaqstant, il-livell ta' xogħol u responsabbiltà mistenni minn uffiċjali f'dawn il-gradi għandu jmur lil hinn minn funzjonijiet amministrattivi ta' rutina.

Wara diskussjoni mill-Eżekuttiv, kien hemm qbil li fil-ġimgħat li ġejjin għandha tinħareġ sejħa interna fost il-ħaddiema eliġibbli tal-Assoċjazzjoni sabiex wieħed minnhom jassumi l-irwol ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv. Ġie nnutat li s-Segretarju Eżekuttiv ilha tinsisti fuq il-ħtieġa li din il-pożizzjoni tiġi formalizzata, anke sabiex l-istruttura amministrattiva tal-Assoċjazzjoni tkun konformi mar-regolamenti li jirregolaw il-Gvern Lokali.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

56.5.5 Il-President informa li, bħala parti mill-implimentazzjoni tal-MoU li kien ġie ffirmat bejn l-AKL u l-Esplora, ġie organizzat workshop indirizzat għall-Kunsilli Lokali. L-inizjattiva tifforma parti mill-kollaborazzjoni bejn iż-żewġ entitajiet u għandha l-għan li toħloq aktar opportunitajiet ta' ħidma konġunta u inizjattivi li jistgħu jiġu implimentati fil-komunitajiet lokali.

56.5.6 Il-President informa li l-Perit ser ikun qed jirrevedi l-Bill of Quantities (BoQ) relatat mal-proġett tal-ġnien fiż-żona tal-parkeġġ, sabiex jiġu finalizzati d-dokumenti meħtieġa u jkun jista' jinħareġ it-tender għat-twettiq tax-xogħlijiet.

56.5.7 Il-President informa li, wara insistenza minn diversi Kunsilli Reġjonali, fosthom ir-Reġjun Port u r-Reġjun Nofsinhar, kompliet tiġi segwita l-kwistjoni tal-qualified opinion li qed tidher fir-rapporti tal-awditjar tal-kontijiet tal-Kunsilli Reġjonali.

Ġie spjegat li wieħed mill-punti ewlenin imqajma mill-awdituri huwa marbut mal-ħtieġa li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom audit tas-sistema tal-LES, li minnha jiġu ġġenerati u rrekordjati l-figuri finanzjarji relatati mal-kontravenzjonijiet, inkluż dawk dovuti u dawk li jkunu tħallsu.

Il-President spjega li l-ownership ta' din is-sistema huwa tal-LOQUS, filwaqt li r-relazzjoni kuntrattwali relatata mas-sistema hija bejn il-LOQUS u l-LESA. Għaldaqstant, il-Kunsilli Reġjonali ma għandhomx ir-remit jew relazzjoni kuntrattwali diretta sabiex jitolbu jew jikkummissjonaw huma stess dan l-awditjar. Madanakollu, ġie enfasizzat li huwa fl-interess tal-Kunsilli Reġjonali u tal-Kunsilli Lokali li dan l-awditjar isir, peress li huma jiddependu fuq l-informazzjoni ġġenerata minn din is-sistema għall-figuri relatati mal-kontravenzjonijiet u d-dħul rispettiv.

Sabiex din il-kwistjoni tiġi indirizzata, saret laqgħa li għaliha kienu preżenti wkoll rappreżentanti mill-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali u mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali fil-preżenza tal-partijiet kollha kkonċernati. Matul din il-laqgħa ġew diskussi l-osservazzjonijiet tal-awdituri, ir-responsabbiltajiet tal-partijiet rispettivi u l-ħtieġa li tingħata l-assigurazzjoni meħtieġa dwar l-affidabbiltà tas-sistema u tal-informazzjoni ġġenerata minnha.

Fi tmiem id-diskussjoni ġie konkluż li l-LESA ser tkun qed tikkummissjona audit ieħor tas-sistema sabiex jiġu indirizzati r-rekwiżiti mqajma mill-awdituri. Dan għandu jgħin sabiex tingħata l-assigurazzjoni meħtieġa lill-awdituri tal-Kunsilli Reġjonali u, eventwalment, tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-qualified opinion fuq ir-rapporti finanzjarji tar-Reġjuni.

56.5.8 Il-President informa li, fil-preżenza tal-membri tal-Eżekuttiv tal-AKL, kienet saret laqgħa uffiċjali mal-Ministru responsabbli mill-Gvern Lokali, l-Onor. Alison Zerafa

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

Civelli. Matul din il-laqgħa ġew diskussi diversi materji ta' interess għall-Assoċjazzjoni u għas-settur tal-Gvern Lokali, kif ukoll il-prijoritajiet u l-ħidma li għandha titkompla fix-xhur li ġejjin.

56.5.9 Il-President informa li saret laqgħa mas-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Intern, flimkien ma' Assistent Kummissarju tal-Pulizija, sabiex tiġi indirizzata l-anomalija li attwalment Kunsill Lokali jibqa' obbligat iħallas għas-servizz tal-uffiċjali tal-Pulizija anke meta attività tkun ġiet ikkanċellata.

Matul il-laqgħa kien hemm qbil fil-prinċipju li jiġi rivedut u jitnaqqas il-perjodu ta' notifika meħtieġ f'każ ta' kanċellazzjoni. Ġie diskuss ukoll li, f'każ fejn il-kanċellazzjoni ssir tard wisq sabiex jiġi evitat il-ħlas tal-uffiċjal, il-Kunsill ikun jista' jitlob li l-uffiċjal assenjat iwettaq xogħol alternattiv ta' ronda fil-lokalità matul l-istess ħinijiet li fihom oriġinarjament kellha ssir l-attività.

Din il-proposta għandha l-għan li tiżgura li, fejn il-Kunsill xorta jkun meħtieġ iħallas għas-servizz, il-komunità tibqa' tibbenefika mill-preżenza u s-servizz tal-Pulizija fil-lokalità. Semma li nħarġet ċirkulari lill-Kunsilli Lokali – **Annessa mmarkata Dok A.**

56.5.10 Il-President informa li saret laqgħa ma' CE Malta fir-rigward tal-possibbiltà li jiġu introdotti kontenituri apposta fil-lokalitajiet għall-ġbir taż-żejt tat-tisjir użat. Matul il-laqgħa ġew diskussi diversi aspetti relatati mal-inizjattiva u l-mod kif din tista' tiġi implimentata b'kollaborazzjoni mal-Kunsilli Lokali.

Il-President semma li ser tiġi skedata laqgħa oħra ma' CE Malta sabiex jitkomplew id-diskussjonijiet u jiġu esplorati aktar fid-dettall l-arranġamenti meħtieġa għall-implimentazzjoni possibbli ta' din l-inizjattiva fil-lokalitajiet.

56.5.11 Il-President informa li l-AKL, flimkien mar-Reġjun Port u l-Community Policing Cohesion Team, ser ikunu qed jikkollaboraw f'attività li ser tittella' fil-Birgu nhar l-4 ta' Settembru. Din il-kollaborazzjoni tifforma parti mill-ħidma sabiex tissaħħaħ ir-relazzjoni bejn il-komunitajiet, il-Gvern Lokali u l-Community Policing, filwaqt li titħeġġeġ aktar parteċipazzjoni u koeżjoni fil-komunità.

56.5.12 Il-President informa li kellu laqgħa mas-Segretarju Permanenti tal-Ministeru responsabbli mill-Ġustizzja fir-rigward tat-Tribunali Lokali u diversi materji marbuta mal-operat tagħhom u mal-Gvern Lokali.

Huwa semma li, fid-dawl tal-Elezzjoni Ġenerali li saret, id-diskussjonijiet dwar din il-materja ser ikomplu internament fi ħdan il-Ministeru u, fil-ġimgħat li ġejjin, huwa mistenni li l-AKL tkompli s-segwitu tagħha mal-Ministru l-ġdid responsabbli mill-Ġustizzja.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

56.5.13 Il-President informa li, wara l-Laqgħa Plenarja tal-AKL li saret f'Ġunju, ġew identifikati numru ta' punti u proposti li l-Assoċjazzjoni tista' tkompli tiżviluppa u taħdem fuqhom fil-ġimgħat u x-xhur li ġejjin.

Fost dawn issemmiet il-possibbiltà li tiġi żviluppata pjattaforma diġitali b'informazzjoni f'ħin reali (real-time), li permezz tagħha r-residenti jkunu jistgħu jkunu infurmati dwar dak li jkun għaddej fil-lokalità tagħhom, inkluż xogħlijiet, toroq magħluqa, attivitajiet, servizzi, avviżi u informazzjoni oħra ta' interess għall-komunità.

Il-President semma li din hija waħda mill-inizjattivi li għandhom jiġu esplorati aktar mill-AKL, inkluż mil-lat tekniku u tal-kollaborazzjoni meħtieġa mal-Kunsilli Lokali u entitajiet oħra, sabiex jiġi evalwat kif tista' tiġi żviluppata f'għodda utli u aċċessibbli għar-residenti.

56.5.14 Il-President informa li l-attività tas-sajf organizzata mill-Assoċjazzjoni kienet waħda ta' suċċess, b'parteċipazzjoni tajba u rispons pożittiv minn dawk preżenti. Huwa esprima s-sodisfazzjon tiegħu għall-mod kif ġiet organizzata l-attività u rringrazzja lil dawk kollha li taw is-sehem tagħhom sabiex din setgħet tittella' b'suċċess.

56.5.15 Il-President informa li, b'rabta mal-istudju demografiku li qed jitwettaq mill-Università ta' Malta għall-Assoċjazzjoni, kien meħtieġ li l-AKL tħallas subscription lil PwC sabiex ikun jista' jsir aċċess għall-Property Price Index u d-data relatata meħtieġa għall-istudju. Din l-informazzjoni ser tintuża bħala parti mill-analiżi sabiex l-istudju jkun ibbażat fuq data u indikaturi ekonomiċi rilevanti u affidabbli.

56.5.16 Il-President informa li, b'segwitu għall-każ imsemmi matul l-aħħar laqgħa fir-rigward ta' inċident li seħħ b'vettura mikrija u li kienet qed tintuża minn wieħed mill-ħaddiema tal-Assoċjazzjoni, intbagħtet ittra legali lil Hertz dwar il-każ. L-Assoċjazzjoni issa ser tistenna r-risposta u kwalunkwe żvilupp sussegwenti sabiex jiġi determinat jekk hemmx bżonn ta' aktar azzjoni.

56.5.17 Il-President informa li, fir-rigward taż-żjara organizzata mill-Assoċjazzjoni fil-Vatikan għall-udjenza mal-Papa, l-interess kien wieħed qawwi ħafna u huwa mistenni li jipparteċipaw kważi s-Sindki kollha ta' Malta u Għawdex. Dan juri l-importanza li ngħatat lil din l-inizjattiva u l-livell għoli ta' parteċipazzjoni mis-settur tal-Gvern Lokali.

56.5.18 Il-President informa li l-Assoċjazzjoni esprimiet l-interess tagħha li tipparteċipa bħala sieħba fi proġett dwar id-Drittijiet tal-Bniedem immexxi mill-ALDA u li għalih qed jiġi mfittex finanzjament taħt il-programm CERV tal-Unjoni Ewropea. Il-President semma

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

li din il-parteċipazzjoni tkompli ssaħħaħ l-involviment tal-AKL fi proġetti Ewropej u l-kollaborazzjoni tagħha ma' msieħba internazzjonali.

56.5.19 Il-President informa li l-Assoċjazzjoni fasslet pożizzjoni dwar il-Youth Strategy Charter tal-Unjoni Ewropea. Din il-pożizzjoni tirrifletti l-perspettiva tal-Gvern Lokali u tenfasizza l-importanza li ż-żgħażagħ jingħataw aktar opportunitajiet sabiex jipparteċipaw b'mod attiv fit-teħid tad-deċiżjonijiet u fil-ħajja demokratika tal-komunitajiet tagħhom.

56.5.20 Il-President informa li l-Assoċjazzjoni ġiet nominata mill-Pulizija tal-Komunità għal rikonoxximent tal-kontribut u l-appoġġ li l-Pulizija tal-Komunità jsibu kontinwament mingħand l-AKL. Il-President esprima s-sodisfazzjon tiegħu għal din in-nomina, li tirrifletti l-kollaborazzjoni u r-relazzjoni pożittiva li nbniet bejn l-Assoċjazzjoni u l-Pulizija tal-Komunità.

56.5.21 Il-President informa li nbdew diskussjonijiet mal-Pulizija tal-Komunità sabiex tiġi stabbilita proċedura ta' nominazzjoni li permezz tagħha persuni mill-komunità jkunu jistgħu jiġu rikonoxxuti għall-kontribut u l-assistenza li jagħtu lill-Pulizija fil-ħidma tagħhom.

L-għan ta' din l-inizjattiva huwa li jingħata rikonoxximent lil dawk il-persuni li, permezz tal-impenn u l-kollaborazzjoni tagħhom mal-Pulizija, jikkontribwixxu b'mod pożittiv sabiex tissaħħaħ is-sigurtà u l-ħarsien tal-komunitajiet lokali.

56.5.22 Il-President informa li l-postijiet vakanti kollha fi ħdan l-Assoċjazzjoni ġew ippubblikati u l-proċessi ta' reklutaġġ rispettivi jinsabu għaddejjin. Huwa informa wkoll li fl-10 ta' Awwissu ser jibda jaħdem mal-Assoċjazzjoni impjegat ġdid fi Skala 12, bħala parti mill-ħidma sabiex jissaħħu r-riżorsi umani u l-kapaċità amministrattiva tal-AKL.

56.5.23 l-President informa li nbdew diskussjonijiet mal-MCAST sabiex jiġi żviluppat kors akkreditat fil-livell MQF Level 5 iffukat fuq tendering u public procurement. L-għan huwa li tissaħħaħ il-kompetenza professjonali f'dan il-qasam u jingħata taħriġ aktar speċjalizzat u strutturat lil dawk involuti fil-proċessi ta' tenders, partikolarment fis-settur tal-Gvern Lokali.

56.5.24 Il-President informa li l-Assoċjazzjoni rċeviet stedina sabiex tkun rappreżentata fil-Kungress tal-Partit Laburista. Huwa semma li, minħabba impenji ta' safar li diġà għandu skedati, mhux ser ikun jista' jattendi personalment. Għaldaqstant, stieden lill-membri tal-Eżekuttiv li jkunu disponibbli sabiex jattendu u jirrappreżentaw lill-AKL f'din l-okkażjoni.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

56.5.25 Il-President informa li kien mistieden jipparteċipa f'panel waqt attività organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Imsida dwar id-diversità kulturali fil-lokalità. Huwa ddeskriva l-inizjattiva bħala waħda interessanti u rilevanti għar-realtajiet li qed jesperjenzaw il-komunitajiet lokali, partikolarment fid-dawl tad-diversità dejjem tikber fil-lokalitajiet tagħna.

56.5.26 Il-President informa li ser titkompla l-ħidma tal-Assoċjazzjoni fuq ir-Rotta tal-Feniċi, bil-għan li tkompli tiġi żviluppata din l-inizjattiva u jiġu esplorati opportunitajiet ta' kollaborazzjoni li jistgħu jkunu ta' benefiċċju għall-Kunsilli Lokali u għall-promozzjoni tal-wirt storiku u kulturali tal-lokalitajiet Maltin.

56.5.27 Il-President informa li l-ħaddiema tal-AKL attendew kors ta' Mental Health First Aid Refresher sabiex jaġġornaw u jsaħħu l-għarfien u l-ħiliet tagħhom f'dan il-qasam. Huwa semma li, permezz ta' dan it-taħriġ, il-ħaddiema kollha tal-Assoċjazzjoni huma kwalifikati fil-Mental Health First Aid, bħala parti mill-impenn tal-AKL favur il-benesseri u ambjent tax-xogħol aktar konxju dwar is-saħħa mentali.

56.5.28 Il-President informa li ser ikun qed jiġi skedat taħriġ fil-First Aid għall-ħaddiema tal-Assoċjazzjoni, bħala parti mill-ħidma kontinwa tal-AKL sabiex tkompli ssaħħaħ il-ħiliet tal-impjegati tagħha u tiżgura ambjent tax-xogħol aktar sigur u preparat għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza.

56.5.29 Il-President informa li ntbagħtet ittra ta' awguri lix-Shadow Minister il-ġdid responsabbli mill-Gvern Lokali, f'isem l-Assoċjazzjoni, filwaqt li ġiet espressa d-disponibbiltà tal-AKL sabiex tkompli żżomm djalogu u kollaborazzjoni kostruttiva dwar materji relatati mas-settur tal-Gvern Lokali.

56.5.30 Il-President informa li għaddejjin il-preparamenti għall-parteċipazzjoni tal-Assoċjazzjoni fil-European Week of Regions and Cities li ser issir fi Brussell. Huwa semma li qed isiru l-arranġamenti meħtieġa sabiex l-AKL tkun rappreżentata b'mod adegwat matul din l-inizjattiva Ewropea importanti u sabiex jiġu massimizzati l-opportunitajiet ta' networking, kollaborazzjoni u promozzjoni tas-settur tal-Gvern Lokali Malti fuq livell Ewropew.

56.5.31 Il-President informa li ġiet sottomessa proposta lill-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni sabiex tiġi organizzata f'Malta konferenza tal-Kummissjoni CIVEX. Huwa spjega li din l-inizjattiva għandha l-għan li ġġib f'Malta rappreżentanti lokali u reġjonali minn diversi pajjiżi Ewropej u toħloq opportunità għal diskussjoni dwar temi li jaqgħu taħt il-kompetenzi tal-CIVEX, filwaqt li tkompli ssaħħaħ il-preżenza u l-kontribut ta' Malta fi ħdan il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta
T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

56.5.32 Il-President informa li s-Segretarju Eżekuttiv kienet intgħażlet sabiex tippartecipa f'kors speċjalizzat dwar il-Public Procurement (PPE) barra minn Malta. Bħala parti minn dan il-kors, kien meħtieġ li tattendi għal madwar ħmistax-il jum ta' taħriġ fi Vjenna.

Madankollu, minħabba t-tul tal-perjodu barra minn Malta u fid-dawl tal-impenji tax-xogħol tagħha, kif ukoll impenji personali, ma kienx possibbli għas-Segretarju Eżekuttiv li tkun assenti għal dan il-perjodu. Għaldaqstant, minkejja li kienet intgħażlet għall-programm, kellha tirrifjuta din l-opportunità.

56.5.33 Il-President informa li matul ix-xahar ta' Jannar ser jiġu organizzati workshops dwar il-Participatory Budgeting. Dawn il-workshops ser ikunu parti mill-ħidma tal-Assoċjazzjoni sabiex tkompli tippromwovi u ssaħħaħ il-parteċipazzjoni tar-residenti fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-livell lokali, partikolarment fir-rigward tal-prijoritajiet u l-allokazzjoni tar-riżorsi fil-komunitajiet.

56.5.34 Is-Sur Max Zammit talab li jiġi skużat mil-laqgħa.

56.5.35 Il-President informa li, wara l-approvazzjoni li kienet ingħatat mill-Eżekuttiv, l-Assoċjazzjoni ġabret numru ta' kwotazzjonijiet għax-xiri ta' Tuk Tuk sabiex jiġi kkonvertit u użat bħala Mobile Information Booth tal-AKL f'attivitajiet u inizjattivi fil-lokalitajiet.

Madankollu, mill-kwotazzjonijiet riċevuti rriżulta li l-investiment meħtieġ kien ser jammonta għal madwar €52,000. Fid-dawl ta' dan l-ammont, il-President informa li għalissa l-proġett ser jiġi sospiż u ma titteħidx aktar azzjoni dwar ix-xiri.

56.5.36 Il-President informa li kienet ser titħallas il-membership tal-Assoċjazzjoni fi ħdan il-Commonwealth Local Government Forum (CLGF), sabiex l-AKL tkompli żżomm is-sħubija u l-parteċipazzjoni tagħha f'dan in-network internazzjonali tal-Gvern Lokali.

56.5.37 Il-President informa li l-proċeduri dwar is-Saħħa u s-Sigurtà (Health and Safety) marbuta mal-organizzazzjoni tal-attivitajiet għadhom ma tqassmux lill-Kunsilli Lokali. Huwa semma l-ħtieġa li dan id-dokument jiġi finalizzat u ċċirkolat lill-Kunsilli sabiex ikollhom linji gwida ċari dwar il-proċeduri u r-rekwiżiti li għandhom jiġu osservati fl-organizzazzjoni tal-attivitajiet tagħhom.

56.5.38 Il-President informa li, fir-rigward tal-parteċipazzjoni f'Kaleaci, ser jattendu s-Sindki taż-Żejtun u tal-Imġarr, kif ukoll, f'isem ir-Reġjun Għawdex, is-Sindku tal-Qala.

Din il-parteċipazzjoni hija marbuta mat-tema tal-attività, li ser tiffoka fuq il-kċina awtentika Maltija u l-prodotti lokali. F'dan il-kuntest, iż-Żejtun ser ikun qed

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

jirrappreżenta l-prodott taż-żejt taż-żebbuġa, filwaqt li l-Imġarr ser ikun assoċjat mal-frawli. Għawdex ser ikun rappreżentat ukoll fid-dawl tar-rikonoxximent tiegħu bħala Reġjun Ewropew tal-Gastronomija.

Semma wkoll li qed jitħejja video clip.

56.5.39 Is-Sur Jesmond Aquilina semma li fil-preżent ma hemm l-ebda skema speċifika li minnha l-Kunsilli Reġjonali jistgħu jibbenefikaw sabiex iwettqu proġetti jew investimenti relatati mal-ħtiġijiet tagħhom.

Huwa semma li, anke fir-rigward tal-fondi tal-LESA, ir-Reġjun ma setax jibbenefika minn finanzjament sabiex iwettaq titjib fil-binja amministrattiva tiegħu. Żied jgħid li sitwazzjoni simili teżisti fir-rigward tal-iskemi maħruġa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, peress li diversi skemi huma indirizzati lejn il-Kunsilli Lokali u ma jinkludux lill-Kunsilli Reġjonali bħala benefiċjarji eliġibbli.

Is-Sur Aquilina sostna li din is-sitwazzjoni għandha tiġi indirizzata sabiex ir-Reġjuni jingħataw ukoll opportunitajiet adegwati ta' finanzjament biex ikunu jistgħu jinvestu fl-infrastruttura, l-amministrazzjoni u l-operat tagħhom.

**56.6 Aġġornament**

56.6.1 Il-Laqgħa aġġornat fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar il-Ħamis, 27 t' Awwissu 2026 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija fil-Binja tal-AKL, ġewwa l-Marsa.

**Mario Fava**
**President**

**Lianne Cassar**
**Segretarju Eżekuttiv**

Dok A.

Outlook

## UPDATE Cir AKL 2026/021_Arranġament dwar ħlasijiet lill-Pulizija u garanzija bankarja għal attivitajiet esterni

**From** Lianne Cassar <lcassar@lca.org.mt>

**Date** Fri 03/07/2026 16:43

**To** Regjun Port at Port Regional Council <regjun-port.dlg@gov.mt>; Regjun Punent at Western Regional Council <regjun-punent.dlg@gov.mt>; Regjun Ghawdex at Gozo Regional Council <regjun-ghawdex.dlg@gov.mt>; Regjun Nofsinhar at Local Councils <regjun-nofsinhar.dlg@gov.mt>; Regjun Tramuntana at Northern Regional Council <regjun-tramuntana.dlg@gov.mt>; Regjun Lvant at Eastern Regional Council <regjun-lvant.dlg@gov.mt>; Attard Local Council at Attard Local Council <attard.lc@gov.mt>; 'balzan.lc@gov.mt' <balzan.lc@gov.mt>; birgu.lc@gov.mt <birgu.lc@gov.mt>; Birkirkara Local Council at Birkirkara Local Council <birkirkara.lc@gov.mt>; 'birzebbuga.lc@gov.mt' <birzebbuga.lc@gov.mt>; Bormla Local Council at Bormla Local Council <bormla.lc@gov.mt>; Dingli Local Council at Dingli Local Council <dingli.lc@gov.mt>; Fgura Local Council at Fgura Local Council <fgura.lc@gov.mt>; Floriana Local Council at Floriana Local Council <floriana.lc@gov.mt>; 'fontana.lc@gov.mt' <fontana.lc@gov.mt>; 'ghajnsielem.lc@gov.mt' <ghajnsielem.lc@gov.mt>; Gharb Local Council at Gharb Local Council <gharb.lc@gov.mt>; 'gharghur.lc@gov.mt' <gharghur.lc@gov.mt>; 'ghasri.lc@gov.mt' <ghasri.lc@gov.mt>; 'ghaxaq.lc@gov.mt' <ghaxaq.lc@gov.mt>; 'gudja.lc@gov.mt' <gudja.lc@gov.mt>; 'gzira.lc@gov.mt' <gzira.lc@gov.mt>; Hamrun Local Council at Hamrun Local Council <hamrun.lc@gov.mt>; 'iklin.lc@gov.mt' <iklin.lc@gov.mt>; Isla Local Council at Isla Local Council <isla.lc@gov.mt>; 'Kalkara Local Council at Kalkara Local Council' <kalkara.lc@gov.mt>; 'kercem.lc@gov.mt' <kercem.lc@gov.mt>; Kirkop Local Council at Kirkop Local Council <kirkop.lc@gov.mt>; 'lija.lc@gov.mt' <lija.lc@gov.mt>; Luqa Local Council at Luqa Local Council <luqa.lc@gov.mt>; 'Marsa Local Council at Marsa Local Council' <marsa.lc@gov.mt>; Marsaskala Local Council at Marsaskala Local Council <marsaskala.lc@gov.mt>; Marsaxlokk Local Council at Marsaxlokk Local Council <marsaxlokk.lc@gov.mt>; 'mdina.lc@gov.mt' <mdina.lc@gov.mt>; 'Mellieha Local Council at Mellieha Local Council' <mellieha.lc@gov.mt>; 'mgarr.lc@gov.mt' <mgarr.lc@gov.mt>; Mosta Local Council at Mosta Local Council <mosta.lc@gov.mt>; 'mqabba.lc@gov.mt' <mqabba.lc@gov.mt>; 'msida.lc@gov.mt' <msida.lc@gov.mt>; 'mtarfa.lc@gov.mt' <mtarfa.lc@gov.mt>; 'munxar.lc@gov.mt' <munxar.lc@gov.mt>; 'nadur.lc@gov.mt' <nadur.lc@gov.mt>; 'naxxar.lc@gov.mt' <naxxar.lc@gov.mt>; Paola Local Council at Paola Local Council <paola.lc@gov.mt>; Pembroke Local Council at Pembroke Local Council <pembroke.lc@gov.mt>; Pieta Local Council at Pieta' Local Council <pieta.lc@gov.mt>; 'qala.lc@gov.mt' <qala.lc@gov.mt>; Qormi Local Council at Southern Regional Council <qormi.lc@gov.mt>; Qrendi Local Council at Qrendi Local Council <qrendi.lc@gov.mt>; 'rabat.gozo.lc@gov.mt' <rabat.gozo.lc@gov.mt>; Rabat Malta Local Council at Rabat Malta Local Council <rabat.malta.lc@gov.mt>; 'Safi Local Council at Safi Local Council' <safi.lc@gov.mt>; San Giljan Local Council at San Giljan Local Council <sangiljan.lc@gov.mt>; San Gwann Local Council at San Gwann Local Council <sangwann.lc@gov.mt>; 'sanlawrenz.lc@gov.mt' <sanlawrenz.lc@gov.mt>; 'sannat.lc@gov.mt' <sannat.lc@gov.mt>; San Pawl il-Bahar LC at Northern Regional Council <sanpawlil-bahar.lc@gov.mt>; Santa Lucija Local Council at Santa Lucija Local Council <santalucija.lc@gov.mt>; 'santavenera.lc@gov.mt' <santavenera.lc@gov.mt>; Siggiewi Local Council at Siggiewi Local Council <siggiewi.lc@gov.mt>; 'sliema.lc@gov.mt' <sliema.lc@gov.mt>; Swieqi Local Council at Swieqi Local Council <swieqi.lc@gov.mt>; Tarxien Local Council at Tarxien Local Council <tarxien.lc@gov.mt>; Ta Xbiex Local Council at Ta' Xbiex Local Council <taxbiex.lc@gov.mt>; Valletta Local Council at Valletta Local Council <valletta.lc@gov.mt>; 'xaghra.lc@gov.mt' <xaghra.lc@gov.mt>; Xewkija Local Council at Xewkija Local Council <xewkija.lc@gov.mt>; 'Xghajra Local Council at Xghajra Local Council' <xghajra.lc@gov.mt>; 'Zabbar Local Council at Zabbar Local Council' <zabbar.lc@gov.mt>; Zebbug Gozo Local Council at Zebbug Gozo Local Council <zebbug.gozo.lc@gov.mt>; 'zebbug.malta.lc@gov.mt' <zebbug.malta.lc@gov.mt>; Zejtun Local Council at Zejtun Local Council <zejtun.lc@gov.mt>; Zurrieq Local Council at Zurrieq Local Council <zurrieq.lc@gov.mt>

**Cc** Ian Magro <imagro@lca.org.mt>; OLD | Justine Decelis <jdecelis@lca.org.mt>; Mario Fava <mario@mariofava.com.mt>; LCA <LCA@lca.org.mt>

**Lill:** Is-Sindki, il-Kunsilliera u s-Segretarji Eżekuttivi

**Suġġett: Arranġamenti ġodda dwar il-ħlas tal-overtime tal-Pulizija waqt attivitajiet organizzati mill-Kunsilli Lokali u l-Garanzija.**

Għeżież Sindki, Kunsilliera u Segretarji Eżekuttivi,

Matul Jannar li għadda, l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rċeviet diversi tħassib mingħand il-Kunsilli Lokali fir-rigward tal-arranġamenti applikabbli għall-attivitajiet organizzati mill-Kunsilli Lokali fuq barra, partikolarment dwar il-garanzija ta' €5,000 li kienet qed tintalab mill-pulizija u dwar l-obbligu li jitħallas l-overtime tal-Pulizija f'każ ta' kanċellazzjoni tal-attività.

Wara sensiela ta' laqgħat u diskussjonijiet bejn l-Assoċjazzjoni u l-awtoritajiet kompetenti, fosthom rappreżentanti tal-Korp tal-Pulizija u l-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti responsabbli, intlaħaq il-ftehim li ġej:

1. **Il-garanzija ta' €5,000 għal kull attività mhux ser tibqa' tintalab lill-Kunsilli Lokali.**

2. **Il-perjodu ta' avviż għall-kanċellazzjoni mingħajr ħlas kien sa massimu ta' 72 siegħa u li dan issa ġie sa 09:00 ta' filgħodu ta' jumejn qabel l-attività.**

   Bħala eżempju, jekk attività hija skedata għall-20 ta' Lulju fit-20:00, il-Kunsill Lokali jista' jikkanċella mingħajr ebda ħlas sa nhar it-18 ta' Lulju sa 9:00 ta' filgħodu.

3. **Jekk l-attività tiġi kkanċellata wara dan il-ħin, il-Kunsill Lokali rispettiv xorta jkun obbligat iħallas l-ammont sħiħ tal-overtime tal-uffiċjali tal-Pulizija li jkunu ġew ibbukkjati. Madankollu, il-Kunsill issa ser ikollu d-dritt li jżomm lill-istess uffiċjali sabiex iwettqu xogħol ieħor fl-istess lokalità għal dak il-perjodu ta' ħin, bħall-infurzar lokali jew kompiti oħra li jkunu meħtieġa mill-Kunsill.**

Huwa importanti li jiġi ċċarat li dan il-ftehim japplika esklussivament għal attivitajiet organizzati direttament mill-Kunsilli Lokali. Dan bl-ebda mod ma jestendi għal attivitajiet organizzati minn għaqdiet, entitajiet, kumpaniji privati jew partijiet terzi oħra li jagħmlu użu mill-Kunsill Lokali sabiex jevitaw l-obbligi jew il-kundizzjonijiet applikabbli għalihom. F'każ li Kunsill Lokali jabbuża minn dan l-arranġament jew jippermetti li jintuża għal tali skop, il-Kunsill Lokali rispettiv ikun qed jerfa' r-responsabbiltà legali u amministrattiva kollha li tista' tirriżulta minn tali aġir.

L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali temmen li dan huwa arranġament ġust u bilanċjat li jindirizza t-tħassib li kien ġie espress mill-Kunsilli Lokali, filwaqt li jipprovdi aktar flessibbiltà u jnaqqas il-piż finanzjarju fuq il-Kunsilli.

Nixtiequ nirringrazzjaw lill-awtoritajiet kollha involuti għall-kollaborazzjoni tagħhom sabiex jintlaħaq dan il-ftehim, li ninsabu konvinti li ser jagħmel differenza pożittiva għall-Kunsilli Lokali u għall-organizzazzjoni tal-attivitajiet fil-komunitajiet tagħna.

Tislijiet,

Mario Fava
President

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali - Local Government Building, Triq il-Gvern Lokali, Marsa MRS3000
Tel: +356 2596 8000
Website: www.lca.org.mt
F: Local Councils' Association

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

**From:** Justine Decelis
**Sent:** Tuesday, 3 March 2026 13:08
**To:** 'Regjun Port at Local Councils' <regjun-port.dlg@gov.mt>; 'Regjun Punent at Local Councils' <regjun-punent.dlg@gov.mt>; 'regjun-ghawdex. dlg@gov. mt (regjun-ghawdex.dlg@gov.mt)' <regjun-ghawdex.dlg@gov.mt>; 'regjun-nofsinhar (regjun-nofsinhar.dlg@gov.mt)' <regjun-nofsinhar.dlg@gov.mt>; 'Regjun Tramuntana' <regjun-tramuntana.dlg@gov.mt>; 'Regjun Lvant at Eastern Regional Council' <regjun-lvant.dlg@gov.mt>; 'attard.lc@gov.mt' <attard.lc@gov.mt>; 'balzan.lc@gov.mt' <balzan.lc@gov.mt>; 'birgu.lc@gov.mt' <birgu.lc@gov.mt>; 'birkirkara.lc@gov.mt' <birkirkara.lc@gov.mt>; 'birzebbuga.lc@gov.mt' <birzebbuga.lc@gov.mt>; 'bormla.lc@gov.mt' <bormla.lc@gov.mt>; 'dingli.lc@gov.mt' <dingli.lc@gov.mt>; 'fgura.lc@gov.mt' <fgura.lc@gov.mt>; 'floriana.lc@gov.mt' <floriana.lc@gov.mt>; 'fontana.lc@gov.mt' <fontana.lc@gov.mt>; 'ghajnsielem.lc@gov.mt' <ghajnsielem.lc@gov.mt>; 'gharb.lc@gov.mt' <gharb.lc@gov.mt>; 'gharghur.lc@gov.mt' <gharghur.lc@gov.mt>; 'ghasri.lc@gov.mt' <ghasri.lc@gov.mt>; 'ghaxaq.lc@gov.mt' <ghaxaq.lc@gov.mt>; 'gudja.lc@gov.mt' <gudja.lc@gov.mt>; 'gzira.lc@gov.mt' <gzira.lc@gov.mt>; 'hamrun.lc@gov.mt' <hamrun.lc@gov.mt>; 'iklin.lc@gov.mt' <iklin.lc@gov.mt>; 'isla.lc@gov.mt' <isla.lc@gov.mt>; 'kalkara.lc@gov.mt' <kalkara.lc@gov.mt>; 'kercem.lc@gov.mt' <kercem.lc@gov.mt>; 'kirkop.lc@gov.mt' <kirkop.lc@gov.mt>; 'lija.lc@gov.mt' <lija.lc@gov.mt>; 'luqa.lc@gov.mt' <luqa.lc@gov.mt>; 'marsa.lc@gov.mt' <marsa.lc@gov.mt>; 'marsaskala.lc@gov.mt' <marsaskala.lc@gov.mt>; 'marsaxlokk.lc@gov.mt' <marsaxlokk.lc@gov.mt>; 'mdina.lc@gov.mt' <mdina.lc@gov.mt>; 'mellieha.lc@gov.mt' <mellieha.lc@gov.mt>; 'mgarr.lc@gov.mt' <mgarr.lc@gov.mt>; 'mosta.lc@gov.mt' <mosta.lc@gov.mt>; 'mqabba.lc@gov.mt' <mqabba.lc@gov.mt>; 'msida.lc@gov.mt' <msida.lc@gov.mt>; 'mtarfa.lc@gov.mt' <mtarfa.lc@gov.mt>; 'munxar.lc@gov.mt' <munxar.lc@gov.mt>; 'nadur.lc@gov.mt' <nadur.lc@gov.mt>; 'naxxar.lc@gov.mt' <naxxar.lc@gov.mt>; 'paola.lc@gov.mt' <paola.lc@gov.mt>; 'pembroke.lc@gov.mt' <pembroke.lc@gov.mt>; 'pieta.lc@gov.mt' <pieta.lc@gov.mt>; 'qala.lc@gov.mt' <qala.lc@gov.mt>; 'qormi.lc@gov.mt' <qormi.lc@gov.mt>; 'qrendi.lc@gov.mt' <qrendi.lc@gov.mt>; 'rabat.gozo.lc@gov.mt' <rabat.gozo.lc@gov.mt>; 'rabat.malta.lc@gov.mt' <rabat.malta.lc@gov.mt>; 'safi.lc@gov.mt' <safi.lc@gov.mt>; 'sangiljan.lc@gov.mt' <sangiljan.lc@gov.mt>; 'sangwann.lc@gov.mt' <sangwann.lc@gov.mt>; 'sanlawrenz.lc@gov.mt' <sanlawrenz.lc@gov.mt>; 'sannat.lc@gov.mt' <sannat.lc@gov.mt>; 'sanpawlil-bahar.lc@gov.mt' <sanpawlil-bahar.lc@gov.mt>; 'santalucija.lc@gov.mt' <santalucija.lc@gov.mt>; 'santavenera.lc@gov.mt' <santavenera.lc@gov.mt>; 'siggiewi.lc@gov.mt' <siggiewi.lc@gov.mt>; 'sliema.lc@gov.mt' <sliema.lc@gov.mt>; 'swieqi.lc@gov.mt' <swieqi.lc@gov.mt>; 'tarxien.lc@gov.mt' <tarxien.lc@gov.mt>; 'taxbiex.lc@gov.mt' <taxbiex.lc@gov.mt>; 'valletta.lc@gov.mt' <valletta.lc@gov.mt>; 'xaghra.lc@gov.mt' <xaghra.lc@gov.mt>; 'xewkija.lc@gov.mt' <xewkija.lc@gov.mt>; 'xghajra.lc@gov.mt' <xghajra.lc@gov.mt>; 'zabbar.lc@gov.mt' <zabbar.lc@gov.mt>; 'zebbug.gozo.lc@gov.mt' <zebbug.gozo.lc@gov.mt>; 'zebbug.malta.lc@gov.mt' <zebbug.malta.lc@gov.mt>; 'zejtun.lc@gov.mt' <zejtun.lc@gov.mt>; 'zurrieq.lc@gov.mt' <zurrieq.lc@gov.mt>
**Cc:** Mario Fava <mario@mariofava.com.mt>; Lianne Cassar <lcassar@lca.org.mt>; Ian Magro <imagro@lca.org.mt>; Yana Chetcuti <ychetcuti@lca.org.mt>; Laurice Umali Montecer <Lmontecer@lca.org.mt>; Nathan Chimezie Iriele <nathanci@lca.org.mt>
**Subject:** Cir AKL 2026/021_Aġġornament dwar ħlasijiet lill-Pulizija u garanzija bankarja għal attivitajiet esterni

Lis-Sindki, Viċi Sindki,

Kunsilliera u Segretarji Eżekuttivi

Għeżież,

Ġentilment qegħdin nehmżu ittra dwar il-ħlasijiet lill-Pulizija kif ukoll dwar id-depożiti ta' garanzija bankarja meta jkun hemm attivitajiet għall-attenzjoni tagħkom.

Grazzi u tislijiet,


**Mario Fava**
President

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali - Local Government Building, Triq il-Gvern Lokali, Marsa MRS3000
Tel: +356 2596 8000
Website: www.lca.org.mt
F : Local Councils' Association

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

**Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali**

Local Councils' Association Malta

Għeżież Sindki, Kunsilliera u Segretarji Eżekuttivi,

Dan l-aħħar irċevejna diversi ilmenti minn numru ta' Sindki u Kunsilli Lokali dwar żewġ kwistjonijiet partikolari:

(i) il-ħlas lill-Pulizija meta dawn jiġu ordnati għal xi attività organizzata mill-Kunsill Lokali, iżda l-attività titħassar; u

(ii) id-depożitu ta' garanzija bankarja ta' €5,000 meta tkun ser issir attività barra li fiha jkun hemm mużika, daqq u żfin.

Dwar dawn il-kwistjonijiet, kellna laqgħa apposta mal-awtoritajiet konċernati fejn ġiet diskussa s-sitwazzjoni preżenti u t-tħassib li qed jiġi espress minn diversi Kunsilli. Ġie maqbul li fil-jiem li ġejjin l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tressaq proposta raġonevoli b'mod formali sabiex din tiġi kkunsidrata. Wara dan, ser issir laqgħa oħra biex il-proposta tagħna tiġi diskussa fid-dettall.

Sadanittant, huwa kruċjali li meta taraw li attività ser tiġi kkanċellata minħabba xi raġuni jew oħra, tinfurmaw lill-Pulizija **mill-inqas 72 siegħa qabel il-ħin tal-attività** sabiex, fejn applikabbli, ikunu jistgħu jingħataw lura l-flus dovuti mir-raba' siegħa 'l quddiem. Tistennewx sa l-aħħar minuta biex tagħmlu dan.

Jekk dan ma jsirx fiż-żmien stipulat, sakemm tiġi diskussa l-proposta li se nkunu qed nibgħatu, il-Kunsill ikollu jħallas l-ammont sħiħ tas-sigħat rikjesti, dan skont is-sitwazzjoni attwali.

Nibqgħu impenjati li naħdmu biex insibu soluzzjoni ġusta u proporzjonata li tnaqqas il-piż amministrattiv u finanzjarju fuq il-Kunsilli Lokali.

Inżommukom aġġornati dwar kull żvilupp.

Tislijiet,

**Mario Fava**
**President**
**Local Councils' Association**



Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali, Marsa MRS 3000
t | (+356) 2596 8000 e | lca@lca.org.mt